4 ta' April, 1946.

**Imħallef :**

**L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

**Maria Anna Tanti *versus* Avv. Dottor Paolo Borg Grech et. ne.**

**Ġurisdizzjoni — Paternità Illeġittima [illegible] — Att tat-Twelid — Art. 285 (2) tal-Kodiċi Ċivili, u Art. 743 lit. (g) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-Qorti Ċivili ta' Malta għandha ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni ta' kawżi li jirrigwardaw persuni li jkunu ikkuntrattaw obligazzjoni ma' suddita tal-Maestà Tiegħu r-Re meta s-sentenza tista' tiġi eżegwita f'dawn il-Gżejjer.*

*Għall-finijiet ta' din id-disposizzjoni tal-liġi, il-kelma "obligazzjoni" tirriferixxi mhux biss għall-obligazzjoni "ex contractu", imma għal kull xorta ta' obligazzjoni, kompriża dik "ex lege" jew "ex delicto" jew "ex quasi delicto".*

*Imma l-liġi ma tirrikjedix illi, biex is-sentenza titqies eżegwibili f'dawn il-Gżejjer, hemm bżonn li l-konvenut ikollu proprjetà hawn Malta. Għaldaqstant, billi skond il-liġi, meta l-paternità ta' tarbija illeġittima reġistrata bħala mwielda minn missier mhux magħruf tiġi stabbilita b'sentenza tal-Qorti, l-isem tal-missier illeġittimu jista' jiġi mniżżel b'annotazzjoni fil-ġenb tar-reġistru, dik is-sentenza tista' tiġi eżegwita hawn Malta, u l-Qrati Tagħna għandhom ġurisdizzjoni biex jieħdu konjizzjoni ta' talba għad-dikjarazzjoni ta' dik il-paternità, avvolja dak il-konvenut ma jkollux proprjetà hawn Malta u ma jkunx għal xi raġuni oħra suġġett għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati Tagħna.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi ppremettiet illi mill-unjoni illeġittima bejn l-attriċi u l-imsemmi Derbyshire twieldet fid-9 ta' Diċembru 1945 (dok. A) il-minorenni Patrizia; u li l-istess Derbyshire siefer u mhux qiegħed jipprovdi għall-manteniment tat-tarbija; u talbet li (1) l-imsemmi Jack Derbyshire jiġi dikjarat missier naturali tal-minorenni Patrizia, u (2) li l-istess Derbyshire, kif jinsab rappreżentat, jiġi

kundannat iħallas lill-attriċi nomine pensjoni alimentarja bil-modalitajiet li tistabbilixxi l-Qorti. B'riżerva ta' drittijiet oħra, u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nomine li għandhom jidhru għas-subizzjoni;

*Omissis:*

Ikkunsidrat, fuq l-inċident *jekk il-Qrati ta' Malta għandhomx gurisdizzjoni biex jieħdu konjizzjoni ta' din il-kawża*;

Illi bic-ċitazzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob li l-konvenut Jack Derbyshire, rappreżentat mill-kuratur, jiġi dikjarat missier naturali tat-tarbija Patrizia, imwielda, kif tallega hija, mill-unjoni illegittima tagħha ma' l-imsemmi Derbyshire, u illi *dan jiġi kundannat għall-ħlas ta' pensjoni alimentarja;*

Illi dan Derbyshire jinsab imsiefer u ma kellu qatt domiċilju hawn Malta, għaliex hu kien Malta għar-raġunijiet ta' servizz; għalhekk il-gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati ma tistax tiġi radikata fuq id-domiċilju ta' Derbyshire, li baqa' dak tiegħu ta' origini (Westlake, Priv. Int. Law, page 391, 1912 Edition);

Illi però, skond l-artikolu 743 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 15 Edizzjoni Riveduta, fl-inċiż ittra (g), il-Qrati Ċivili ta' Malta għandhom gurisdizzjoni ta' kawżi li jirrigwardaw persuni li jkunu kkuntrattaw obligazzjoni ma' suddittu tal-Maestà Tiegħu r-Re meta s-sentenza tista' tiġi eżegwita f'dawn il-Gżejjer;

Illi ma hux kontrastat illi l-attriċi hija suddita *Ingliża*. Anki t-tarbija Patrizia, bħala mwielda f'dawn il-Gżejjer, għandha s-sudditanza Ingliża "jure loci" minbarra li ommha hi suddita Ingliża (ara sentenza Appell Ċivili "Cooper vs. Page ne.", 23 ta' Lulju 1919, Vol. XXIV, pagina 117, 120);

Illi l-kelma "obligazzjoni" li hemm fl-artikolu fuq imsemmi tirriferixxi mhux biss *għall-obligazzjonijiet* "ex contractu", imma anki għal kull xorta ta 'obligazzjonijiet oħra, komprizi dawk "ex lege" jew "ex delicto" jew "ex quasi delicto". Dina kienet dejjem l-interpretazzjoni paċifika u kostanti ta' dawn il-Qrati (ara Prim'Awla "Annati vs. Dr. Sammut", 26 ta' Novembru 1894, u "Darmanin vs. Dr. Despott" 31 ta' Mejju 1901);

Illi għalhekk din il-kawża tirrigwarda obligazzjoni ntiża fis-sens ampju tagħha kuntrattata favur suddittu tal-Maestà Tiegħu r-Re;

Illi jibqa' għalhekk li wieħed jara jekk is-sentenza tistax tiġi eżegwita f'dawn il-Gżejjer;

Illi ma hux kontrastat *(ara verbal fol. 21)* illi Derbyshire ma għandux proprjetà immobiljari jew mobiljari hawn Malta. Il-liġi, però, ma tirrikjedix illi, biex is-sentenza tista' titqies eżegwibili f'dawn il-Gżejjer, hemm bżonn li jkun hemm proprjetà hawn Malta tal-konvenut;

Illi fl-att tat-twelid, eżibit in kopja fol. 5, it-tarbija Patrizia hija mniżżla bħala bint missier mhux magħruf;

Illi skond l-art. 324 *(1) Kodiċi Ċivili*, Kap. 23 Edizzjoni Riveduta, meta l-paternità ta' tarbija illeġittima reġistrata bħala mwielda minn missier mhux magħruf tiġi stabbilita b'sentenza tal-Qorti allura l-isem tal-missier illeġittimu jista' jiġi mniżżel b'annotazzjoni fil-ġenb tar-reġistru;

Illi għalhekk is-sentenza, f'każ ta' eżitu favorevoli ta' l-istanza, tkun tista' tiġi eżegwita bil-mod fuq imsemmi, u hekk jiġu kompletati l-kondizzjonijiet meħtieġa "ad fundandam jurisdictionem";

Illi dawn il-prinċipji ġew akkolti fiż-żewġ sentenzi ċitati fin-nota fol. 15;

Konsegwentement;

Tiddiżponi l-inċident billi tiddikjara illi l-Qrati ta' dawn il-Gżejjer għandhom ġurisdizzjoni biex jieħdu konjizzjoni ta' din il-kawża;

Spejjeż riżervati.